# Il-Pallju ta' l-Arcisqof

**Nhar it-Tlieta li ġejjin taħbat il-Festa tal-Katedra ta' San Pietru. F'din l-okkażjoni l-Knisja tfakkarna fis-setgħa li Kristu ta lil dak il-Qaddis u s-suċċessuri tiegħu li jgħallmu bla biża' ta' żball lill-insara fdati f'idejhom u jwissuhom jimxu fuq it-tagħlim tagħhom. Dan id-don tal-infallibilita' qiegħed ukoll fil-Kulleġġ tal-Isqfijiet magħqudin mal-Papa, li jiffurmaw il-Knisja Għalliema ta' Kristu.**

*Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

### IL-PALLJU SINJAL TA' SETGHA

L-Isqfijiet jipparteċipaw mis-setgħa pastorali suprema tal-Papa bħala Għalliem u bħala Ragħaj ta' l-Insara. Wieħed mis-sinjali ta' din il-parteċipazzjoni ta' setgħa huwa l-pallju li jingħata lill-Arċisqfijiet mill-Papa. Kienet ħaġa xierqa, għalhekk, li l-għoti tal-pallju lill-Arċisqof il-ġdid tagħna, Mons. Ġużeppi Mercieca, jitħalla għal dak in-nhar tal-festa li semmejna.

Illum beħsiebni nkellimkom fuq dan il-pallju u l-Arċisqfijiet ta' Malta, li wżawh.

Qabel xejn x'inhu l-pallju? Il-pallju huwa ħannieqa tas-suf abjad wiesgħa xi żewġ pulzieri, li tintlibes madwar il-għonq. Għandu mwaħħlin miegħu żewġ pendenti tal-istess materjal, twal xi sitt pulzieri, li jinżlu, pendent wieħed quddiem is-sider u l-ieħor wara d-dahar. F'tarf il-pendenti hemm biċċa ċomb miksija bil-ħarir iswed.

Il-pallju hu magħmul mis-suf ta' żewġt iħrief bojod li l-Kanonċi Regolari tal-Lateran joffru bħala taxxa kull sena. Dawn jitbierku fil-festa ta' Sant'Anjeże, fuq l-artal maġġur tal-knisja tagħha fi Trieq Nomentana — Ruma, wara Quddiesa Pontifikali. Imbagħad jingħataw lill-Papa biex bis-suf tagħhom jinħadmu l-pallji. Meta dawn jitlestew, jitbierku fl-Ewwel Għasar tal-Festa ta' San Pietru u San Pawl, u jinżammu f'kaxxa tal-fidda maġenb il-"confessio Petri", jew il-kripta taħt l-artal maġġur tal-Bażilika Vatikana.

### ZIGARELLA HAMRA MA' GHONQHOM

Hawn qed niftakar fl-ewwel sena li konna flimkien Ruma jiena u Mons. Lupi. Konna morna għall-quddiesa u l-funzjoni tat-tberik tal-ħrief ġo Sant'Anjeże. Għad għandi quddiem għajnejja dak il-kannestru għaddej merfugħ fil-għoli (jidhirli minn qassis) u kemm kemm jidhru fih iż-żewġt iħrief, li kellhom ma' għonqhom żagarella ħamra. Il-knisja kienet iffullata bin-nies kurjużi bħalma konna aħna, biex jaraw dik il-funzjoni simpatika.

Ejja, issa, nkomplu fuq il-pallju. F'kull pallju hemm minsuġin 6 slaleb żgħar suwed: wieħed fuq is-sider, ieħor fuq id-dahar, wieħed fuq kull spalla u wieħed fit-truf taż-żewġ pendenti. Mas-slaleb ta' fuq is-sider, id-dahar u l-ispalla xellugija hemm labra tad-deheb b'ġebla prezzjuża.

Il-pallju, li jintlibes fuq il-pjaneta waqt il-Quddiesa Pontifikali ta' xi festi determinati fil-"Pontificale Romanum", jistgħu jużawh il-Papa, l-Arċisqfijiet u rarament xi Isqfijiet, wara talba li ssir lill-Papa. Uħud igħidu li l-użu tal-pallju nbeda għall-ħabta ta' nofs it-tielet seklu. Oħrajn igħidu li nbeda iżjed tard. Hu żgur li fil-qedem il-pallju kien bil-wisq għusa u itwal.

### ARCISQOF TITOLARI TA' RODI

L-Isqfijiet ta' Malta, bħala Isqfijiet, qatt ma kellhom il-jedd li jġibu l-pallju. Iżda, fl-1775, l-Isqof Govanni Carmine Pellerano ġie msejjaħ Ruma u telaq minn Malta, għax ma tantx kien magħġub mill-Grammastru Franġisku Ximenes u l-ordni. Il-Grammastru Manoel de Rohan irnexxielu jipperswadi lill-Papa biex iwarrbu għall-imħabba tal-paċi.

Fis-sena 1780 Mons. Pellerano rriżenja għall-Veskovat ta' Malta. Il-Papa Piju VI deherlu li kien ġust li jassenjalu pensjoni fuq il-Mensa Veskovili li telaq u onorah billi nnominah Arċisqof Titolari ta' Rodi, li dak iż-żmien kienet "in partibus infidelium", jiġifieri f'post fejn ma kienx hemm ħafna nsara u għalhekk ma kienx hemm biex imexxiha isqof residenzjali. Sbatax il-sena wara (1797), it-titlu ta' Arċisqof ta' Rodi ġie mgħaqqad mal-Veskovat ta' Malta. Isimgħu kif.

L-Isqof Pellerano miet fis-sena 1783. Mons. Vincenzo Labini, li laħaq Isqof minn floku ftit wara r-rinunzja, għamel talba lill-Papa biex it-titlu li kellu qabel Mons. Pellerano, jiġifieri ta' Arċisqof ta' Rodi, jingħaqad mas-Sedi ta' Malta, biex hu u s-suċċessuri tiegħu kienu jistgħu jissejħu "Isqof ta' Malta u Arċisqof Titulari ta' Rodi".

It-talba kienet motivata minn dawn il-fatti: (i) li Malta ħaddnet il-Fidi Nisranija ppriedkata lill-Maltin minn San Pawl, (ii) li l-popolazzjoni maltija kienet tlaħħaq mal-100,000 ruħ, (iii) li fiha kien hawn knisja katedrali u 5 knejjes kolleġġjati (tal-Kastell ta' Għawdex, Birkirkara, San Pawl tal-Belt, l-Għarb u l-Isla), (iv) li l-Maltin kienu ggvernati mill-Kavallieri ta' San Ġwann, li għal 213 il sena ggvernaw Rodi u (v) li minn fost il-membri ta' dak l-Ordni kienu jinħatru l-Isqfijiet ta' Malta.

Il-grazzja ingħatat fit-3 ta' Marzu 1797. Fost il-privileġġi l-oħra hija ġiebet dak li l-Isqfijiet ta' Malta, bħala Arċisqfijiet Titolari ta' Rodi, kisbu l-jedd li jilbsu l-pallju.

### TITLU PERSONALI

Fl-1928, Papa Piju XI reġa' waqqaf sedi arċiveskovili residenzjali f'Rodi u naturalment għażel Arċisqof residenzjali biex imexxiha. B'hekk l-Isqof ta' Malta ma setax iġib aktar it-titlu ta'

(Ikompli f'pagna 4)

# IL-PALLJU TA' L-ARCISQOF

(Jaqbad mill-paġna 3)

Arċisqof ta' Rodi.

Saret allura talba minn Malta biex is-Sede Maltija tintrefa' għad-dinjita' ta' Arċidjoċesi biex il-Mexxej tagħha jissejjaħ u jkun Arċisqof ta' Malta.

Dak in-nhar it-talba ma ġietx milqugħa. Iżda l-Papa Piju XI għoġbu jagħti t-titlu ta' Arċisqof personalment lill-Isqof ta' dak iż-żmien, li kien Mons. Dom Mawru Caruana, li beda għalhekk jissejjaħ Arċisqof Isqof ta' Malta.

Meta, fis-17 ta' Diċembru 1943, miet dak l-Isqof u laħaq floku Mons. Mikiel Gonzi, il-Papa Piju XII għal darb'oħra ta dak it-titlu personalment lill-Isqof il-ġdid.

Iżda, fl-ewwel ta' Jannar 1944, is-Santa Sede refgħet id-djoċesi ta' Malta għad-dinjita' ta' Sede Metropolitana bid-djoċesi ta' Għawdex bħala suffraganja tagħha. Għal din ir-raġuni, il-Mexxej tal-Knisja ta' Malta bil-jedd, u mhux iżjed bi grazzja, beda jissejjaħ Arċisqof Metropolita bil-jeddijiet u privileġġi kollha arċiveskovili.

Nhar it-Tlieta li ġejjin, Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta sa mit-12 ta' Diċembru li għadda, sejjer jirċievi minn idejn in-Nunzju Apostoliku Mons. Antonio del Giudice, bħala Rappreżentant tas-Santa Sede f'Malta, il-pallju, li kif għidna fil-bidu, hu l-insenja l-aktar magħrufa tad-dinjita' arċiveskovili. Nifirħulu, ningħaqdu miegħu f'din iċ-ċirkostanza u nitolbu għalih, kif hu dmir tagħna bħala sudditi tiegħu.